MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2011

Numru. 27/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Angelo Gafa`]**

**vs**

**Ryan Gatt**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ryan Gatt detentur tal-karta tal-identita` numru 144784(M).

Akkuzat talli:
F'dawn il-Gzejjer, fl-19 ta' Jannar 2009 jew fil-jiem ta' qabel, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew gieghel li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, jew ta struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fid-19 ta' Jannar 2009, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, halef il-falz quddiem ufficjal li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 17(h), 42(d), 185(1), 121A(1), 188, 108 u 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni bikrija mill-imputat ghall-ewwel tlett akkuzi kif dedotti kontrih, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u stante li l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekussjoni u li l-fedina penali tal-istess hija netta u li l-Qorti hija sodisfatta li l-imputat ma kellux rwol dirett mal-otteniment tal-licenzja de quo, qeghda ssib lill-imputat Ryan Gatt hati tal-ewwel tlett akkuzi biss, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum, filwaqt li tilliberah mir-raba' akkuza stante li kif xehdet Beatrice Fenech hija qatt ma tat gurament lill-imputat kif trid il-ligi.

Finlament spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------